Nru. 526

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet illi l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Barumbara,
Triq ix-Xerriek,
Marsaxlokk

(ara l-pjanta f'paġna 4376) hija ta' valur arkitettoniku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata bħala bini ta' Grad 2, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi severament afettwata minn żvilupp biswitha.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-barumbara fi Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkitettoniku tagħha.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetà.

(iii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, irdim, ċaqliq ta' materjal jew tneħħija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetà.

(iv) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Is-7 ta' Lulju, 1998

No. 526

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

Barumbara
Triq ix-Xerriek,
Marsaxlokk

(see site plan on page 4376) is of architectural value such that it should be listed as Grade 2 Scheduled Property, in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being adversly affected by development.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The barumbara at Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk is to be considered as a Grade 2 listed property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural value.

(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned property.

(iii) The destruction, infliction of damage, development, dumping or movement of material, or removal of stones within the property of the said building is prohibited.

(iv) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

7th July, 1998



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E58473, N66196 Max E588961, N666611

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Scheduled Property: Marsaxlokk

Barumbara
Triq tax-Xerriek
Marsaxlokk

Ref No. :- 441/97

Grade 2

Form No. :- MU003